10 ta' Jannar, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paolo Spiteri

**Rinviju — Provi — Sentenza — Nullità.**

*Jekk il-provi li jirrigwardaw imputazzjoni jkunu nstemgħu meta dik l-imputazzjoni kienet għadha mhix dedotta kontra l-imputat, għax żdiedet ma' l-imputazzjoni oriġinali wara li nstemgħu dawk il-provi, l-istess provi għandhom jerġgħu jiġu ripetuti wara li tiżdied l-imputazzjoni l-ġdida; għax sakemm ma tkunx żdiedet l-imputazzjoni l-ġdida, l-imputat ma kellux interess jikkumbatti dawk il-provi. U jekk il-Qorti tiddeċidi dwar dik l-imputazzjoni ġdida mingħajr ma jkunu ġew ripetuti l-provi, il-Qorti tkun iddeċidiet mingħajr provi.*

*U jekk dan kollu jsir wara li l-Attorney General ikun irrinvija l-atti lill-Maġistrat biex jiddeċidi fuq il-provi li jkun hemm, u l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat li ma għandhiex provi oħra, mhux il-każ li l-Qorti ta' l-Appell tannulla s-sentenza tal-Maġistrat u tisma' l-provi mill-ġdid, imma huwa l-każ li l-imputat jiġi liberat minn dik l-imputazzjoni l-ġdida fuq in-nuqqas ta' provi li jsostnu dik l-imputazzjoni.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-5 ta' Novembru 1952;

Oriġinarjament inbdiet kontra l-imputat kumpilazzjoni fuq l-imputazzjoni illi b'attijiet eżekutivi ta' l-istess riżoluzzjoni kkorrompa ż-żewġ minuri Gużeppi Falzon u Robert (recte) Albert Bellizzi, billi kkommetta fuqhom konġunġiment karnali kontra n-natura (fol. 1). Aktar tard żdiedet imputazzjoni oħra (fol. 2), tal-korruzzjoni tal-minorenni Toni Falzon f'post publiku jew espost għall-publiku. Aktar 'il quddiem ġiet miżjuda imputazzjoni ġdida oħra, ta' korruzzjoni tal-minorenni Carmelo Sammut;

Fuq rinviju ta' l-Attorney General, il-każ ġie ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Ġudika-

tura, li bis-sentenza tagħha fuq rikordata sabet lill-imputat ħati f'dawn it-termini, hawn riportati "verbatim":— "Il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, barra dik bi ħsara ta' Carmelo Sammut; u għal dak li jirrigwarda l-minuri Albert Bellizzi, ir-reat bi ħsara tiegħu ġie pruvat unikament għaż-żewġ okkażjonijiet tal-linja tal-ferrovija u tat-triq lejlet il-festa tal-Lunzjata........"; u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sentejn;

Dan id-dispożitiv ma hux għal kollox ċar, u jeħtieġ kjarifikazzjoni;

L-imputazzjonijiet imsemmija fid-dispożitiv huma dawk kif indikati fir-rinviju ta' l-Attorney General, u kien ikun aktar regolari kieku l-Maġistrat, stante d-diversità ta' l-imputazzjonijiet, speċifika għal kull suġġett passiv l-imputazzjoni partikulari li tagħha kien qed isib ħati l-imputat. Lanqas kien ta' interess, fid-dispożitiv, li jiġu indikati, għar-rigward tal-minorenni Bellizzi, l-okkażjonijiet esklużi, għax ir-reat l-istess baqa' jissussisti bl-okkażjonijiet ammessi, u l-istess baqa' kontinwat, ladarba l-okkażjonijiet ammessi kienu aktar minn darba;

Fir-rikors ta' l-appell tiegħu, l-imputat talab ir-revoka tas-sentenza u l-ħelsien tiegħu minn kull imputazzjoni u piena. Fil-kors ta' l-espożitiva tal-motivi ta' l-aggravju, l-imputat semma li xejn ma rriżulta assolutament għar-rigward tar-reat in kwantu pretiż kommess fuq il-minuri Toni Falzon u Carmelo Sammut. Issa, din id-doljanza, in kwantu ssemmi lil Carmelo Sammut, hija żvista; għaliex, kif jidher mid-dispożitiv fuq riportat, l-Ewwel Qorti ġa eskludiet l-imputazzjoni għal dak li jirrigwarda l-minorenni Carmelo Sammut. Għalbekk l-appell propjament huwa dan: kif il-Qorti tista' tiddeżumi mit-trattazzjoni u r-rikors, id-difiża ssostni li għar-rigward tar-reat, in kwantu kommess fuq il-minorenni Toni Falzon, ma hemmx provi; għar-rigward ta' l-imputazzjonijiet relativi għall-minorenni Bellizzi u Ġużeppi Falzon, il-kredibilità tal-minorenni ġiet skossa, u x-xhieda tagħhom għalhekk ma hix soddisfaċenti;

In kwantu għall-każ tal-minorenni Toni Falzon, id-

dana assostni li ma hemm ebda prova kontra tiegħu, għaliex il-provi li jirrigwardaw dak il-każ ingabru mill-Maġistrat meta kienet għadha ma ġietx miżjuda l-imputazzjoni tal-korruzzjoni ta' dak il-minorenni, u l-kumpilazzjoni tkompliet bla ma reġgħu ġew ripetuti l-provi;

Dan ir-riljev hu korrett. Mill-inkartament jidher li meta żdiedet l-imputazzjoni ġdida tal-korruzzjoni ta' dan il-minorenni, il-Maġistrat ma reġax sejjaħ ix-xhieda li jirrigwardaw dak il-każ mill-ġdid, u (kuntrarjament għal dak li solitu jsir, u li għandu jsir) ma qralhomx ix-xhieda tagħhom biex jikkonermawha. L-imputat, infatti, qabel ma żdiedet dik l-imputazzjoni, ma kellu ebda interess jikkumbatti r-riżultanzi tax-xhieda dwarha billi jagħmel domandi jew jiddefendi ruħu b'xi mod ieħor konsentit mil-liġi;

Fis-sentenza appellata l-Maġistrat, fuq dan ir-riljev taddifiża, iċċita s-sentenza ta' din il-Qorti "Pulizija vs. Dimech", 25. 11. 1944; imma f'dik id-deċiżjoni l-Imħallef sedenti kien qal espressament li f'każ ta' tibdil ta' akkuża għandhom jiġu ripetuti l-proċeduri; u ċertament fost dawn il-proċeduri fl-Istruttorja hemm is-smiegħ tax-xhieda u t-traskrizzjoni tax-xhieda tagħhom (art. 402 Kap. 12), biljedd ta' l-imputat li jikkontro-eżaminahom (art. 405) — liema jedd l-imputat ma jkollux interess jeżerċita ħlief għarrigward ta' l-imputazzjoni li tkun miġjuba kontra tiegħu. Għalhekk għandhom jiġu ripetuti l-provi, meta tinġieb imputazzjoni ġdida;

In konsegwenza, id-difiża għandha raġun tgħid li l-provi, li nġiebu dwar l-imputazzjoni relativa għall-minorenni Toni Falzon "qabel" ma kien hemm din l-imputazzjoni, ladarba ma ġewx ripetuti, ma għandhomx jitqiesu; u għalhekk ebda prova ma tibqa' għar-rigward ta' dik l-imputazzjoni;

Dan ma hux il-każ li din il-Qorti tannulla l-kap tassentenza relativa għall-imputazzjoni dwar il-minorenni Toni Falzon u tiddeċidi hija l-meritu mill-ġdid; għax meta l-Attorney General għamel ir-rinviju, hu ma ndunax b'din l-ommissjoni, u bagħat l-attijiet lill-Maġistrat biex jiddeċidi "fuq il-provi li kien hemm" (salv is-smiegħ tal-provi tad-

difiża), u l-Pulizija kienet ġa ddikjarat li ma għandhiex provi aktar; kwindi din il-Qorti ma tistax tippermetti s-smiegħ ta' xhieda ġodda, ladarba ma jirrikorrux il-każijiet li fihom hija permessa l-produzzjoni ta' provi ġodda fl-appell;

Għar-rigward tal-minorenni Bellizzi u Joseph Falzon, l-imputazzjoni tirriżulta soddisfaċentement;

Għandu jiġi rilevat, tant għall-korrettezza, illi l-imputazzjoni relativa għall-minorenni Carmelo Sammut, eskluża mill-Ewwel Qorti, kienet jiġi eskluża anki għal konsiderazzjoni oħra, illi, ċjoè, meta saret il-preżentata ta' l-imputat fuq dik l-imputazzjoni ġdida (ara fol. 29), dana ġie preżentat mhux b'ismu, imma bħala "Giuseppe Spiteri, ta' 36 sena, bin il-mejjet Ċensu — persuna diversa mill-imputat f'dawn il-konnotati;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li r-reat kif misjub mill-Ewwel Qorti jiġi limitat biss għall-każ tal-minorenni Belizzi u tal-minorenni Joseph Falzon; u stante l-esklużjoni minn din il-Qorti ta' l-imputazzjoni għar-rigward tal-minorenni Toni Falzon, tirriduċi l-piena tal-lavuri furzati għal żmien tmintax-il xahar.

---